EUROPA TOURS



### Grand Tour

# Scandinavia & the Fjords

## Norway, Sweden, Denmark & Finland

- **Grupp A 07 - 21 Lulju 2025** * **Grupp B 04 - 18 Awwissu 2025**

**Inżuru:** **Stockholm, Helsinki, Copenhagen, Geilo, Sognefjord, Flam, Lom, Dalsnibba, Geiranger Fjord, Lillehammer, Sogndal, Oslo u Briksdal Glacier....**

**It-Tnejn** Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta 03:30 għall-flight LH1313 li ttir lejn Frankfurt fis-06.10. Naslu 08.50. Inkomplu t-titjira tagħna mall-flight LH802 li-ttir 10.15 u naslu **Stockholm** fit-12:20. Transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru ta' Stockholm, fejn se nkunu akkomodati fil- **Hotel Mornington 4 star.** Ħin għal mistrieħ u ħarġa mal-leader biex nibdew ingawdu s-sbuħijja ta'din il belt.

**It-Tlieta** Wara l-*Buffet breakfast*, skopri magħna l-ġmiel ta' Stockholm - belt mibnija fuq għadd ta' gżejjer. Naraw il-**Kattidral** fejn issir l-inkurunazzjoni tal-monarkija Żvediża, magħruf l-aktar għall-istatwa ġganteska ta' San Ġorg, is-**City Hall** (dħul *extra*) fejn issir il-premjazzjoni tal-premju Nobel, l**-Opera House** u **Stortorget** - l-eqdem pjazza f'din il-belt. Wara nofs-inhar ikollna ħin liberu għax-*shopping* u *personal sightseeing*. Ċena fil- lukanda.

**L-Erbgħa** Ma tistax tkun Stockholm u ma żżurx il-**Palazz Drottningholm** u l-famuż **Vasa Museum**. Il-Palazz Drottningholm (dħul *extra*) huwa r-residenza privata tal-familja rjali Żvediża. Ikollna ħin biex naraw il-ġonna meraviljużi tiegħu. Wara nkomplu lejn il-**gżira ta' Djurgården** fejn inżuru l-Vasa Museum. Hawnhekk naraw ġifen li dam tliet sekli taħt il-baħar u li llum jinsab restawrat f'dan il-mużew famuż (dħul *extra*). Nimbarkaw fuq vapur li jeħodna **Helsinki**, waqt li nitpaxxew bix-xenarju sabiħ. Akkomodazzjoni ta' 2 iljieli ġo kabini (*inside cabins*). Naraw *cabaret show* fin-*nightclub*. *Buffet dinner* abbord.

**Il-Ħamis** Breakfast abbord. Mal-wasla tagħna f'**Helsinki** (fid-10:00), il-belt kapitali tal-Finlandja, niltaqgħu mal- gwida tal-lokal biex flimkien naraw l-aqwa attrazzjonijiet turistiċi bħal **Sibelius Park** li hu *memorial* f'ġieħ l-akbar kompożitur li kellu dan il-pajjiż, l-**Olympic Stadium**, **Senate Square**, u l-**Kattidral.** Ma tonqosx mawra lejn is-suq pjaċevoli li nsibu fil-port. Nirritornaw lura abbord. Ċena buffet.

**Il-Ġimgħa** Breakfast abbord. Naslu Stockholm fid-09.30 u nibdew il-vjaġġ tagħna bil-kowċ lejn **Copenhagen**, il-belt kapitali tad-Danimarka. Naqsmu l-pont **Oresund** li jgħaqqad l-Iżvezja mad-Danimarka. Dan il-pont infetaħ fis-sena 2000 u hu magħruf ħafna minħabba li huwa parti pont u parti mina. Mal-wasla tagħna fil-lukanda ssir is-sistemazzjoni tal-kmamar fil-**Hotel Imperial 4 star** (jew simili) li tinsab fiċ-ċentru. Fil-għaxija passiġġata mal-leader.

**Is-Sibt** Illum niskopru l-belt ta' Copenhagen: belt mill-isbaħ li taffaxxinak. Flimkien mal-gwida tal-lokal naraw is-**City Hall,** il-**Funtana Gefion**, il-monument ta' Hans Christian Andersen u l-istatwa simpatika ta' Little Mermaid f'xatt il-baħar. Inżuru wkoll **Christiansborg Castle** (dħul extra). Inkompli t-triq biex naraw il-kastell ta' **Kronborg** li deher fid-dramm, Hamlet ta' William Shakespeare. Niriturnaw lejn ċ-Ċentru ta' Copenhagen u jekk it-temp jippertmetti imorru 'boat trip' (extra) fuq il- Kanal u nitpaxxew bl-isbuħija ta' din il-belt minn fuq l-ilma. Wara ħin liberu għal personal sightseeing u xiri ta' souvenirs. Fil-għaxija, min irrid jista' iżur l-famuż **Tivoli Gardens** (entratura extra) li jinsab ftit minuti bogħod mill-hotel. Post ta' divertiment fejn ikun hawn għadd t'attivitajiet għal serata pjaċevoli u ħafna restoranti minn fejn wieħed jista' jiekol l-ikla ta' fil-għaxija.

**Il-Ħadd** Eskursjoni sabiħa lejn **North Zealand**. Ngħaddu minn qalb il-foresta sabiħa sa ma naslu Hillerød, fejn inżuru **Frederiksborg Palace** (dħul extra) li nbena mir-Re Christian IV, fl-1625. Inżuru l-ġonna meraviljużi tiegħu. Wara nibqgħu sejrin lejn iċ-Centru ta' Copenhagen fejn inqattgħu xi ħin qabel nibdew it-triq lejn il-port ta' Copenhagen biex nimbarkaw fuq il-vapur li se jwassalna Oslo fin-Norveġja. Lejl ġo kabini (inside cabins). Buffet dinner abbord.

**It-Tnejn** Nitilgħu fuq il-gverta tal-bastiment sabiex ingawdu x-xenarju li jsaħħrek aħna u deħlin fil-**fjord** t'**Oslo**. *Buffet breakfast* abbord. Naslu Oslo fid-09.30. F'dawn il-ħames t'ijiem li ġejjin, għajnejna se jitpaxxew bil-ġmiel u s-sbuħija tal-fjords, muntanji, glaciers u kaskati. Nibdew il-vjaġġ tagħna bil-kowċ lejn **Geilo**. Akkomodazzjoni ġol-**Hotel Ustedalen 4 Star** u ċena fil-lukanda

**It-Tlieta** Nibdew l-vjaġġ fost xenarju mill-isbaħ u li ma jaqta' qatt sa ma naslu **Flam** villaġġ mill- isbaħ fir-regiun ta' Aurland **.** Ngħaddu minn **Lærdal Tunnel** li fiha 24.5Km. Wara li inqatgħu xi ħin fil-vilaġġ wisq pitoresk ta' Flam, nkomplu it-triq biex naqbdu cruise (extra) li jofrilna ezperjenza tal-fjordi mill-viċin. Nkomplu l-vjaġġ lejn **Sogndal.** Akkomodazzjoni ġol Quality Hotel Sogndal**.** Ċena fil-lukanda.

**L-Erbgħa** Żgur li kulħadd sema' bil-ġmiel tal-glaċieri. Għalhekk ingħaqdu magħna għall- eskursjoni li teħodna fuq il-**glaċier Briksdalsbreen**. Xenarju ta' nixxigħat u muntanji, li jsaħħrek bil-ġmiel tiegħu. Massa ta' silġ timla l-wied ta' bejn il-muntanji. Fiċ-ċert li dawn ix-xeni flimkien ma' dawk li naraw tul il-vjaġġ tagħna bil-kowċ, m'intom se tinsewhom qatt. Mal-wasla tagħna f'Briksdalsbreen inħallu l-kowċ u min irid jista' jaqbad electric car (extra) li twassalna viċin il-glaċier. Wara li ngawdu l-ġmiel li taf toffri n-natura, nirritornaw lura l-lukanda għal ċena.

**Il-Ħamis** Ġurnata oħra ta' xenarju mill-aktar spettakolari sa ma naslu **Geiranger**. Fi triqitna ngħaddu minn toroq b'pajsaġġi pittoreski ta' għadajjar u muntanji miksija bis-silġ. L-ewwel waqfa tagħna tkun fil-villaġġ gustuż ta' **Lom** - post turistiku. Inkomplu lejn il-muntanja **Dalsnibba**, l-għola waħda fil-**Golden Route** mnejn inkunu nistgħu ngawdu spettaklu fantastiku ta' muntanji b'xenarju impressjonanti u post eċċellenti mnejn wieħed jista' jieħu ritratt-kartolina. Faċli tinsa' ismu iżda żgur qatt mhu se tinsa' dak li tkun rajt! Akkomodazzjoni **Hotel Geiranger 4 star**. Ċena fil-lukanda..

**Il-Ġimgħa** Inkomplu ngawdu l-ġmiel li n-Norveġja hi msemmija għalih. Opportunita' mill-isbaħ fejn ser ikollna l-okkazjoni li nieħdu cruise (extra) mal-famuż **Geiranger Fjorden**, magħruf bħala – The King of Fjords. Waqt dan il-cruise ingawdu xenarji fantastiċi ta' muntanji u kaskati mill-isbaħ, sa ma naslu Hellesylt. Min irrid jista' jinzel mill-vapur biex jara il-famuża kaskata mill-qrib. Nirritornaw lura l-lukanda u jkollna ħin liberu. Ċena fil-lukanda.

**Is-Sibt** Inħallu l-villaġġ ta' Geiranger b'ħafna memorji sbieħ u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn il-belt ta' **Oslo**, il-kapitali tan- **Norveġja**. Fi triqitna nagħmlu waqfa fil-belt ta' **Lillehammer**, u wara inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn Oslo. Akkomodazzjoni ġewwa l-lukanda **Radisson Blu *4 Star***. Wara ħarġa mal-leader.

**Il-Ħadd** Breakfast. **Oslo City tour** bil-kowċ u gwida tal-lokal biex flimkien naraw l-aktar postijiet ta' interess. Fost oħrajn naraw it-triq prinċipali **Karl Johans**, il-**Parlament**, ir-**Royal Palace**, l-**Aker Brygge**, is-**City Hall**, l-Akershus Fortress u l-**Vigeland Park**. Holmenkollen naraw ukoll il-famuża ski jump **Holmenkollbakken**. Wara nofsinhar ikollna ħin liberu għal personal sightseeing. Min irrid jista' jingħaqad mat-tour leader biex tesperjenzaw l-**Oslo Fjord** li huwa twil 120 km minn fuq sailing boat, dejjem jekk it-temp jipermetti.

**It-Tnejn** **Oslo / Malta**. 05.30 transfer lejn l-ajruport ta' Oslo għat-titjira LH859 li ttir għal Frankfurt fl- 09.50 u nkomplu lejn Malta fis-13.55 mat titjira LH1310 u naslu Malta għall-16.25.

**Prezz Kull Persuna**
**(Eskursjonijiet, *Half Board u taxxi nklużi)**

| | Prezz Normali | Prezz Skontat > |
|---|---|---|
| • Kamra ta’ tlett persuni | € 3’630 | € 3’530 |
| • Kamra ta’ żewġ persuni | € 3’650 | € 3’550 |
| • Kamra ta’ persuna waħda | € 4’550 | € 4’450 |
| • Tfal sa 11 il-sena ma żewġ adulti | € 3’100 | € 3’000 |

**Prezz Jinkludi:**

- ✓ Titjira mal-Lufthansa Malta – Stockholm, Oslo – Malta via Frankfurt
- ✓ 11 il-lejl akkomodazzjoni ġo 4-star Hotels
- ✓ 3 iljieli ġo inside cabins
- ✓ Buffet breakfast kulljum
- ✓ 9- Ikliet (skond il-programm)*
- ✓ Transfers u l-eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, boats mhux inklużi)
- ✓ Taxxi ta’ l- Ajruport u City Tax
- ✓ Tour leader
- ✓ Insolvency Fund Protection



**31 St Anne Str. Floriana Tel. 21243562 – 21250526**